# QORTI KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Att ta' Akkuża Numru 61/2023/1**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Elliot Paul Busuttil**

Illum 10 ta' Diċembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-Att ta' Akkuża kontra l-akkużat **Elliot Paul Busuttil**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 106084(M) li bih huwa ġie akkużat mill-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta bis-segwenti:

**<u>L-Ewwel Kap</u>**
**<u>(Attentat ta' omiċidju volontarju)</u>:**

**Talli fit-tlettax (13) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) għal ħabta tal-ħdax ta' filgħaxija (23.00)**

ġewwa Ta Qali, Ħ'Attard, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna u ċioè lil Emil Vassilev Marinov jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu.

<u>It-Tieni Kap</u>
<u>(Serq ikkwalifikat bil-vjolenza, ħin u lok)</u>:

Talli fit-tlettax (13) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) seraq lil Emil Vassilev Marinov l-ammont ta' mija u ħamsin Euro (€150) liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, u kwindi b'theddid u saħanistra bl-attentat ta' omiċidju ta' Emil Vassilev Marinov, fis-satra tal-lejl u fi triq pubblika fil-kampanja l'barra mill-abitat.

<u>It-Tielet Kap</u>
<u>(Pussess ta' strument li jaqta' jew bil-ponta mingħajr permess)</u>:

Talli nhar it-tlettax (13) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

<u>Ir-Raba' Kap</u>
<u>(Arma regolari jew imitazzjoni tagħha fuq il-persuna waqt li qed jagħmel reat kontra l-persuna kif ukoll reat ta' serq)</u>:

Talli nhar it-tlettax (13) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) kien fil-pussess ta' xi arma regolari u/jew imitazzjoni tagħha għal skop illeġittimu waqt li

**kkommetta r-reati kontra l-persuna u ta' serq rispettivament.**

**<u>Il-Ħames Kap</u>**
**<u>(Omiċidju volontarju ta' Mario Farrugia)</u>:**

**Talli bejn it-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u l-ħamsa (5) ta' April tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), fil-Gżejjer Maltin, dolożament, bil-ħsieb li joqtol lil Mario Farrugia jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'periklu ċar, ikkaġunalu l-mewt.**

**<u>Is-Sitt Kap</u>**
**<u>(Arma regolari jew imitazzjoni tagħha fuq il-persuna waqt li qed jagħmel reat kontra l-persuna)</u>:**

**Talli bejn it-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u l-ħamsa (5) ta' April tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), fil-Gżejjer Maltin, filwaqt illi kien qed jagħmel reat kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti.**

**<u>Is-Seba' Kap</u>**
**<u>(Ħati ta' persuna maqtula)</u>:**

**Talli bejn it-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u l-ħamsa (5) ta' April tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), fil-Gżejjer Maltin, xjentement ħeba kadavru ta' persuna li mietet b'delitt u ċioè dak ta' Mario Farrugia.**

**<u>It-Tmien Kap</u>**
**<u>(Ksur ta' digriet għall-ħelsien mill-arrest)</u>:**

**Talli bejn it-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u l-ħamsa (5) ta' April tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) fil-Gżejjer**

**Maltin, naqas milli jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti fil-kawża Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud u Spettur Stacey Attard) vs. Elliot Paul Busuttil (per Imħallef Dott. Consuelo Scerri Herrera) fid-digriet tagħha li bih tatu l-ħelsien mill-arrest nhar it-tlieta (3) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020).**

**<u>Id-Disa' Kap</u>**
**<u>(Ksur ta' digriet għall-ħelsien mill-arrest)</u>:**

**Talli fit-tlettax (13) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) għal ħabta tal-ħdax ta' filgħaxija (23.00) ġewwa Ta Qali, Ħ'Attard, u/jew bejn it-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u l-ħamsa (5) ta' April tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) fil-Gżejjer Maltin, naqas milli jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti fil-kawża Il-Pulizija (Spettur Godwin Scerri) vs. Elliot Paul Busuttil (per Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Natasha Galea Sciberras) fid-digriet tagħha li bih tatu l-ħelsien mill-arrest nhar il-ħamsa (5) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018).**

Rat l-atti proċesswali kollha, kemm dawk miżmuma quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u kif ukoll dawk miżmuma quddiem din il-Qorti, inkuż dak li seħħ quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta tat is-sentenza tagħha fil-5 ta' Marzu 2024, liema sentenza ġiet imħassra u revokata b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fid-19 ta' Ġunju 2024.

Rat ir-Rikors konġunt tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużat Elliot Paul Busuttil ppreżentat fit-8 ta' Frar 2024 (*a fol.* 24) fejn ingħad is-segwenti

"Illi l-esponenti, filwaqt li jiddikjaraw li qegħdin jaqblu fit-termini tal-Artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali, il-

Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti illi fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat Elliot Paul Busuttil għall-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu, il-piena li għandha tiġi nflitta fuqu minn din l-Onorabbli Qorti għandha tkun waħda kumplessiva ta' priġunerija effettiva għall-perijodu ta' ħamsa u tlettin sena (35) u dan oltre kwalsiasi sanzjoni, spejjeż, konfiski u/jew konsegwenza oħra tassattiva għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija fit-termini tal-Kapitolu 9 u tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta."

Rat illi din il-Qorti appuntat il-kawża għas-smiegh għas-seduta tat-3 ta' Diċembru 2024.

Rat il-verbal tas-seduta miżmuma fit-3 ta' Diċembru 2024 quddiem din il-Qorti fejn, fost l-oħrajn, ingħad hekk:

"L-akkużat seduta stante fil-preżenza tal-avukat tiegħu stess qed jerġa' jikkonferma l-ammissjoni ta' ħtija tiegħu. Il-Qorti wissiet lill-akkużat bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u tad-dikjarazzjoni ta' ħtija u staqsietu jekk jaqbilx ma' dak imniżżel fir-Rikors konġunt ippreżentat nhar it-8 ta' Frar 2024 (*a fol.* 24) b'mod partikolari għall-fatt jekk jaqbilx mal-piena ta' ħamsa u tletin (35) sena priġunerija u dan oltre dak imsemmi fl-istess Rikors u minkejja li din il-Qorti akkordat żmien lill-akkużat biex jerġa' jirrikunsidra l-ammissjoni tiegħu u staqsietu jekk għandux bżonn aktar ħin sabiex jaħsibha u filwaqt illi nforma lill-Qorti li ma kellux bżonn aktar ħin sabiex jaħsibha, ikkonferma l-ammissjoni ta' ħtija."

Semgħet, fis-seduta tat-3 ta' Diċembru 2024, lill-konsulenti legali preżenti fl-awla jaqblu l-Att tal-Akkuża seta' jitħalla għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-seduta miżmuma fit-3 ta' Diċembru 2024 quddiem din il-Qorti kif preseduta l-akkużat Elliot Paul Busuttil ikkonferma li huwa ħati fir-rigward ta' dak li huwa ġie akkużat bih f'dawn il-proċeduri b'dan illi minkejja li din il-Qorti akkordatlu żmien biex jerġa' jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu u staqsietu jekk għandux bżonn aktar ħin sabiex jaħsibha, huwa nforma lill-Qorti li ma kellux bżonn aktar ħin sabiex jaħsibha u kkonferma l-ammissjoni ta' ħtija.

**Ikkunsidrat**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni reġistrata u sussegwentement ikkonfermata mill-akkużat Elliot Paul Busuttil, din il-Qorti tiddikjara lill-akkużat imsemmi ħati tal-kapi kollha ta' akkuża miġjuba kontra tiegħu, liema kapi ġew elenkati aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-piena li għandha tiġi erogata minn din il-Qorti fil-konfront tal-akkużat Elliot Paul Busuttil għall-kapi ta' akkuża miġjuba kontra tiegħu, din il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom:

- il-fedina penali refrattarja tal-akkużat;
- in-natura serja tal-kapi ta' akkuża miġjuba kontra l-akkużat;
- l-ammissjoni tal-akkużat fir-rigward ta' dak li huwa ġie akkużat bih.

Illi b'żieda ma' dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. *Omissis* u Alessandro Giuseppe Gandolfo** (Niumru 4/2017) fejn il-Qorti Kriminali saħqet li fir-rigward tal-piena nflitta meta persuna tagħmel ammissjoni bikrija l-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fasslu l-linji gwida li l-Qorti għandha ssegwi liema linji gwida huma ndikati, fost l-oħrajn, fis-

sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fl-24 ta' Frar 1997 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi** u fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa** mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Lulju 2002 kif ukoll il-Blackstone's "Criminal Practice" (Blackstone Press Limited 2001 Edit).

Illi fis-sentenza hawn fuq imsemmija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa** (Numru 152/2002) mogħtija fis-17 ta' Lulju 2002, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "8. [...] Ir-regoli ġenerali li għandhom jigwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni ġew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari tagħha tal-24 ta' Frar, 1997 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi,*** u dan b'referenza għall-prassi fil-Qrati Ingliżi. F'dik is-sentenza kienet saret referenza għal bran mill-edizzjoni tal-1991 ta' **Blackstone's Criminal Practice** (Blackstone Press Limited). Din il-Qorti ser tirriproduċi il-bran relevanti mill-edizzjoni tal-2001 ta' dan il-manwal, u dan peress li hija taqbel mal-principji espressi f'dana l-bran u qed tagħmilhom tagħha[1]:
>
> > "Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate 'discount' has never been fixed. In *Buffery* (1992) 14 Cr. App. R. (S) 511 Lord Taylor CJ indicated that 'something in the order of one-third would very often be an appropriate discount', but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount, the court may have regard to the strength of the

[1] "S'intendi, dan kollu li ser jingħad huwa bla preġudizzju għal dawk id-disposizzjonijiet tal-liġi li jipprovdu għal tnaqqis fil-piena meta javveraw ruħhom ċerti ċirkostanzi espressament imsemmija fl-istess disposizzjonijiet: eż. l-Artikoli 89, 200(1) u 337 tal-Kodiċi Kriminali, jew l-Artikolu 29 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101)."

case against the offender. An offender who voluntarily surrenders to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount (*Hoult* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; *Claydon* (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526) and so may an offender who, as well as pleading guilty himself, has given evidence against a co-accused (*Wood* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347) and/or given significant help to the authorities (*Guy* [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24). Where an offender has been caught red-handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (*Morris* (1988) 10 Cr. App. R. (S) 216; *Landy* (1995) 16 Cr. App. R. (S) 908). Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (*Hollington* (1985) 82 Cr. App. R. 281; *Okee* [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199). Similarly, some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of facts at odds with that put forward by the prosecution, requiring the court to conduct an inquiry into the facts (*Williams* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 415. The leading case in this area is *Costen* (1989) 11 Cr. App. R. (S) 182, where the Court of Appeal confirmed that the discount might be lost in any of the following circumstances: (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea', where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender had been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain. It was

> also established in *Costen* that the discount may be reduced where the accused pleads guilty to specimen counts. In *Byrne* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 165 it was held that an offender who had absconded and remained at large for 19 months was not entitled to expect a discount for his guilty plea when he pleaded guilty after being re-arrested.""

Illi filwaqt li huwa minnu li f'dan il-każ li għandha quddiemha din il-Qorti l-ammissjoni tal-akkużat saret fi stadju avvanzat tal-proċeduri, pero' fl-istess waqt ma jistax jiġi njorat il-fatt li l-ġuri ma lehaqx ġie kompost u b'hekk ġew evitati spejjeż żejda u ġew evitati wkoll li jsiru l-preparamenti neċessarji għal ġuri.

**Ikkunsidrat**

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq din il-Qorti tqies li għandha taderixxi mal-piena kif patteġġjata bejn l-Avukat Ġenerali u l-akkużat Elliot Paul Busuttil fir-Rikors konġunt tagħhom li ġie ppreżentat fit-8 ta' Frar 2024, liema piena jiriżulta li hija waħda fil-parametri tal-liġi u li tirrispekkja l-gravita' ta' dak li l-akkużat ġie akkużat bih.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 15A, 17, 23, 31, 41(1)(a), 49, 50, 211(1)(2), 239, 261(a)(e)(f), 262(1)(a)(b), 269(c), 270, 273, 383, 384, 386, 412C, 533 u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikoli 6, 51(7) u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-akkużat Elliot Paul Busuttill ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għal perjodu ta' ħamsa u tletin (35) sena priġunerija u kif ukoll għall-ħlas ta' multa ta' mija u sittax-il Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47).

Il-Qorti tiddikjara li l-akkużat kiser il-kundizzjonijiet imsemmija fid-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hekk kif kienet ippreseduta mill-allura Maġistrat Dr. Natasha Galea Sciberras fid-

digriet tagħha tal-5 ta' Settembru 2018 meta ngħata l-ħelsien mill-arrest u konsegwentament *ai termini* ta' Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-konfiska tad-depożitu li sar fl-ammont ta' elf Euro (€1000) fir-Reġistru tal-Qorti u li jħallas il-garanzija personali ta' għaxart elef Euro (€10,000) skont l-istess digriet u dan a favur tal-Gvern ta' Malta.[2]

Il-Qorti tiddikjara wkoll li l-akkużat kiser il-kundizzjonijiet imsemmija fid-digriet tal-Qorti Kriminali preseduta mill-Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera fid-digriet tagħha tat-3 ta' Diċembru 2020 meta ngħata l-ħelsien mill-arrest u b'hekk tiddikjara li hu t-tilef il-liberta' proviżorja u konsegwentement *ai termini* ta' Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-konfiska tad-depożitu li sar fl-ammont ta' erbat elef Euro (€4000) fir-Reġistru tal-Qorti u li jħallas il-garanzija personali ta' għaxart elef Euro (€10,000) skont l-istess digriet u dan a favur tal-Gvern ta' Malta.[3]

Il-Qorti tobbliga lill-akkużat li ma jimmolestax u ma jinġurjax u ma jikkomunikax ma' Emil Vassilev Marinov għal perjodu ta'sena taħt penali ta' elfejn Euro (€2,000) fin-nuqqas u dana *ai termini* ta' Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

*Ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-ħati jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti f'dawn il-proċeduri, u ċioè is-somma komplessiva ta' sebgħin elf, seba' mija u sitta u tmenin Euro u disgħin ċenteżmu (€70,786.90)[4] u dan fi żmien sentejn mil-lum u

---

[2] Dok. "KAX 1" (Vol. III) – *a fol.* 825 (Kump. Numru 395/2020).

[3] Dok. "EPBX 1" (Vol. IV) – *a fol.* 1180 (Kump. Numru 194/2022).

[4] Dr. Alexander Scerri Herrera (€64.35) (*a fol.* 45) (Numru 395/2020); Keith Cutajar (€2321.93) (*a fol.* 262) (Numru 395/2020); Dr. Jonathan Joslyn (€373.24) (*a fol.* 348) (Numru 395/2020); Dr. Mario Scerri (€559.50) (*a fol.* 455) (Numru 395/2020); WPC 89 u PC 1285 (€921.60) (*a fol.* 517) (Numru 395/2020); PS 186 (€125.92) (*a fol.* 676) (Numru 395/2020); Dr. Martin Bajada (€442.50) (*a fol.* 737) (Numru 395/2020); Dr. Marisa Cassar (€13,706.88) (*a fol.* 781) (Numru 395/2020); Dr. Lennox Vella (€660.44) (*a fol.* 144) (Numru 194/2022); Keith Cutajar (€14,373.90) (*a fol.* 686) (Numru 194/2022); PS 385 u PC 2089 (€1775.86) (*a fol.* 708) (Numru 194/2022); Dr. Marisa Cassar (€27,470.40) (*a fol.* 980) (Numru 194/2022); PS 1147, PS 2293 u PS 169 (€484.42) (*a fol.* 1026) (Numru 194/2022); PS 1147, PC 2140 u PC 1285 (€1582.20) (*a fol.* 1134) (Numru 194/2022); Dr. Mario Scerri (€4960.10) (*a fol.* 1173)

fin-nuqqas li jħallas l-ammont imsemmi fit-terminu lilu mogħti, dan l-ammont għandu jiġi kkonvertit f'perjodu ta' priġunerija addizzjonali.

Finalment, il-Qorti tordna il-konfiska tal-oġġetti kollha li ġew eżebiti f'dawn il-proċeduri a favur tal-Gvern ta' Malta *ai termini* ta' Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġialadarba jirriżulta li ntużaw bħala l-*corpus delicti* tar-reati.

---

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

---

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**

(Numru 194/2022); PS 1147 (€106.40) (*a fol.* 1254) (Numru 194/2022); Keith Cutajar (€857.26) (*a fol.* 1421) (Numru 194/2022).